**7 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Captain Joseph E. Agius, M.C., ne.

*versus*

Joseph Attard Kingswell et. ne.

**Libell — "Fair Comment" — Verità tal-Fatti — Korp Morali — Art. 15 (a) (b) tal-Kap. 117 — Art. 23 tal-Kap 12.**

*Hi massima elementari illi, biex wieħed jara jekk artikolu pubblikat f'ġurnal hux kontumeljus jew le, jeħtieġ li jeżamina mhux biss il-kliem tal-artikolu fis-sens tagħhom ordinarju, imma billi jikkonfrontahom ma' xulxin, jindaga l-ispiritu tal-artikolu, u jiskruta dak li jissejjaħ "il vero concetto dominante".*

*Meta l-imputat, f'kawża ta' libell, jeċċepixxi d-difiża tal-"fair comment", jeħtieġ li jiġu pruvati l-fatti tal-libell li dwarhom hu jkun qed jippretendi li għamel komment li hu "fair"; u l-falsità tal-kliem inġurjuż hi preżunta favur il-kwerelant sakemm ma ssirx prova kuntrarja. Jekk il-verità tal-fatti ma tiġix pruvata, lanqas biss hemm lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni tal-"fair comment".*

*Korp jew kumpannija, li għandhom karattru kummerċjali, jistgħu jaġixxu għall-inġurju kontra min infamahom bi kliem li jagħmel ħsara fir-riputazzjoni tan-negozju tagħhom.*

*Mhix ċensurabbli s-sentenza tal-Maġistrat, li ssib il-kwerelat ħati ta' ngurja gravi, meta fil-kwerela jissemma biss li "l-kwerelat inġurja lill-kwerelant". L-artikolu rilevanti tal-liġi tal-istampa proprjament ma jagħmelx distinzjoni bejn inġurja mhux gravi u ngurja gravi, imma jitħaddet fuq inġurja waħda, punibbli bi grad ta' piena divers skond jekk ikun hemm imputazzjonijiet speċifiċi jew espressjonijiet vagi u rimproveri ndeterminati; jekk, però, ikun hemm imputazzjonijiet speċifiċi, allura l-inġurja dottrinalment tkun gravi, u l-kundanna tibqa' dejjem fit-termini tal-imputazzjoni u tal-liġi.*

*Is-semplici cirkustanza li jkun l-ewwel reat tal-kwerelat mhijiex weħedha biżżejjed biex tintitolah għall-liberazzjoni bħala "first offender"; u l-liġi tenumera espressament kriterji oħra li għandhom jiggwidaw il-Qorti fil-konċessjoni ta' dak il-benefiċċju. Fil-każ preżenti, il-fatt li l-kwerelat "in limine litis" assuma li jagħmel il-prova tal-verità tal-fatti, u mbgħad din il-prova ma għamilha bl-ebda mod, u lanqas ma pproduċa x-xhieda li kien inġunġa in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu, anzi kien irrinunzja għalihom, bla ma għamel ebda dikjarazzjoni li jirtira l-eċċezzjoni, jew li jirrikonoxxi li l-fatti allegati mhumiex veri, inklinaw lill-Qorti biex ma takkordax dak il-benefiċċju, avvolja si trattava tal-ewwel reat tal-kwerelat.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-kwerelati Joseph Attard Kingswell bħala stampatur, u l-Avukat Dottor Anton Butigieg, B.A., LL.D., bħala editur, tal-ġurnal "Voice of Malta", talli fil-ħarġa tas-27 ta' Settembru 1959, numru 35, stampaw u ppublikaw artikolu "by the City editor" intitolat "House of War", publikat fl-ewwel paġina tal-imsemmi ġurnal, jibda bil-kliem "One of the very few . . . " u jispiċċa bil-kliem "It is only a question of time and timing"; b'liema artikolu l-imsemmija kwerelati nġurjaw lill-kwerelant bħala Chairman u Managing Director ta' "The Allied Malta Newspapers Limited";

Rat l-eċċezzjoni tal-kwerelati quddiem l-Ewwel Qorti fis-sens, rigward il-kwerelat Joseph Attard Kingswell, li huwa ma kienx jaf bl-artikolu nkriminat qabel ma ġie stampat fil-ġurnal "Voice of Malta", ta' liema ġurnal dan il-kwerelat ammetta li hu l-istampatur, u rigward il-kwerelat Dr. Anton Butigieg, dan ammetta li hu l-editur tal-imsemmi ġurnal, u eċċepixxa li l-artikolu in kwistjoni mhux libellus, imma huwa "a fair comment" tal-pulitika li kontinwament ġiet segwita minn Strickland House, u vwoldiri mill-gazzetti li joħorġu minn Strickland House, li tagħhom huwa responsabbli l-kwerelant bħala Manager Director ta' "The Allied Malta Newspapers Limited"; u eċċepixxa inoltre l-verità tal-fatti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-6 ta' Frar 1960, li biha, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-"fair comment", u ddikjarat libellus l-artikolu nkriminat, sabet lill-kwerelat Avukat Dottor Anton Buti-

gieg, B.A., LL.D., bħala editur tal-ġurnal "Voice of Malta", u lill-kwerelat Joseph Attard Kingswell bħala stampatur tal-imsemmi ġurnal, l-ewwel wieħed talli ppublika u t-tieni wieħed talli stampa l-imsemmi ġurnal, fil-ħarġa tiegħu numru 35 bid-data tal-Ħadd, 27 ta' Settembru 1959, fl-ewwel paġina, bl-artikolu ntitolat "House of Wax", ħatjin talli bl-imsemmi artikolu ngurjaw gravement lill-kwerelant bħala Chairman u Managing Director ta' "The Malta Allied Newspapers Limited"; u kkundannat lill-kwerelat Joseph Attard Kingswell £2 ammenda, u lill-kwerelat Avukat Dottor Anton Butigieg, B.A., LL.D., £20 multa; u ordnat il-publikazzjoni fil-ġurnal "Voice of Malta", mhux iżjed tard mit-tieni ħarġa wara din is-sentenza, ta' sunt komprensiv tal-istess sentenza; kollox fit-termini tal-art. 23 tal-Kap. 117 E.R.L.M.; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelati;

Dik il-Qorti kkunsidrat, dwar l-eċċezzjonijiet tal-kwerelati;

Rigward l-eċċezzjonijiet tal-kwerelat Joseph Attard Kingswell, illi huwa kkonferma bil-ġurament li ma kienx jaf bl-artikolu nkriminat, mhux biss qabel ma ġie publikat, imma kien jaf biss u qrah wara li rċieva l-odjerna ċitazzjoni;

Rigward l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-kwerelat Dr. Anton Butigieg, B.A. LL.D., illi l-artikolu nkriminat mhux libellus, imma huwa "a fair comment", din il-Qorti tosserva illi l-fatt stess li l-kwerelat ma rnexxielux jipprova l-verità tal-fatti minnu allegati fl-imsemmi artikolu juri biċ-ċar illi l-imsemmi artikolu mhuwiex "a fair comment", anzi juri l-animu li kellu l-kwerelat Dr. Anton Butigieg meta huwa ppublika l-imsemmi artikolu;

Mhux biss li dan il-kwerelat ma rnexxielux jipprova l-verità tal-fatti, imma huwa rrinunzja għal dawk il-provi li kellu jġib biex jipprova din il-verità;

Mix-xhieda mogħtija mill-kwerelant ġie pruvat li diversi mpjegati ta' "The Allied Malta Newspapers Limited", wara ħafna snin li kienu ilhom impjegati hemmhekk, ħal-

lew dan l-impjeg sabiex jimmiljoraw il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, u mhux għar-raġunijiet allegati fl-imsemmi artikolu. L-impjegat John Mizzi ħalla għax ma qabelx fuq kwistjoni ta' "leave", iżda wara reġa' talab biex jerġa jkun impjegat; kif fil-fatt sar;

Ikkunsidrat, kwantu għall-kontenut tal-imsemmi artikolu, illi ma hemmx bżonn li wieħed jikkommenta fuqu dettaljatament, imma basta li wieħed iħares lejn it-titolu tiegħu "House of War", u lejn il-frażijiet użati fl-imsemmi artikolu, biex jara u jasal għall-konklużjoni li huwa libellus mill-bidu sa fejn jispiċċa. Infatti, espressjonijiet bħal ma huma "House of War", "Dilapidated Pillars of British Colonial Rule", "nasty cracks in its structure", "gloomy-looking house sinking fast", "doing anything to avert complete disaster", "settlers' clique", "den of political treachery against the Maltese nation", "enslavement of the Maltese people", "Mabel and her yes-men", huma kollha frażijiet li joffendu l-unur u l-fama, u li jesponu għar-ridikolu u għad-disprezz tal-publiku lill-"Allied Malta Newspapers Limited";

Rat ir-rikors tal-imputati, li bih appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-gravami tal-appellanti huma dawk speċifikati fol. 34 u 34 tergo, ċjoè:—

1. Illi l-artikolu nkriminat jikkostitwixxi "a fair comment" fuq il-pulitika segwita minn Strickland House għarrigward tal-istat kostituzzjonali ta' Malta;

2. Illi, skond id-dikjarazzjoni magħmula l-lum mill-appellat, l-oġġezzjoni tiegħu għall-artikolu kienet tikkonsisti biss fid-dannu kummerċjali;

3. Illi fil-kwerela ma hemmx dedotta nġurja gravi kif misjuba mill-Ewwel Qorti;

4. In subordine, l-appellant Dr. Butigieg hu ntitolat għall-applikazzjoni tal-art. 23 Kap. 12, relattiv għall-"first offenders";

Ma jidherx li f'din is-sede ġie kontestat il-karattru nġurjus tal-artikolu nkriminat, a'menu jekk wieħed jiġġudika mill-formulazzjoni tal-motivi kif verbalizzati. Del resto, ma jidherx li jista' jkun hemm xi dubju li l-artikolu hu fil-fatt diffamatorju. Hi massima elementari li, biex wieħed jara jekk artikolu hux kontumeljus ossija le, jeħtieġ li jeżamina mhux biss il-kliem fis-sens tagħhom, ordinarju, imma billi jirraffronta l-kliem ma' xulxin, jindaga l-ispirtu tal-artikolu, u jiskruta dak li jissejjaħ "il vero concetto dominante". Hekk eżaminat, ma jistax ikun hemm dubju li l-artikolista addebita lill-kwerelant nomine li numru ta' impjegati qegħdin iħallu l-Kumpannija minnu rappreżentata, u l-oħrajn dalwaqt iħallu, minħabba li fi Strickland House hemm paniku, li din hi dar tax-xama' li miexja għar-rovina, li hi ċentru ta' tradiment tal-interessi ta' Malta, li sservi ta' strument biex il-poplu malti jinżamm inskjavit, u li d-disastru komplet hu kwistjoni ta' żmien. Dan l-addebitu hu eminentement inġurjus fil-konċett dominanti tal-artikolu, kif ukoll fil-frażijiet użati fih. Forsi ma hux żejjed li jiġi osservat li mix-xhieda tal-kwerelant nomine, bl-ebda mod kontrastata mill-kwerelati, li ma għamlu ebda prova in kuntrarju, deher li l-impjegati li ħallew għamlu hekk biex jimmiljoraw il-pożizzjoni tagħhom, u ieħor ħalla fuq kwistjoni ta' "leave" u talab li jerġa jiġi ammess;

Ikkunsidrat, dwar il-motivi tal-appell;

Dwar l-ewwel aggravju;

Meta l-imputat, f'kawża ta' libell, jeċċepixxi d-difiża tal-"fair comment", jeħtieġ li jkunu ġew pruvati l-fatti tal-libell li dwarhom hu jkun qiegħed jippretendi li għamel "comment" li hu "fair". "In order to give room for the

plea of fair comment, the facts must be truly stated. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the foundation of the plea fails" (per Fletcher-Moulton, L.J. in Hunt v. Star Ltd. (1908) 2 K.B. at page 320). U jingħad ukoll:— "The comment must not mis-state facts, because a comment cannot be fair which is built upon facts which are not truly stated" (per Kennedy J. in Joynt. V. Cycle Trade Co. (1904) 2 K.B. at p. 294; u anki per Vaughan Williams L.J. in Peter Walker Ltd. v. Hodgson (1909) 1 K.B. at p. 252; u diversi sentenzi oħrajn);

Għall-ġurisprudenza maltija ara, fost oħrajn, Kollez. Vol. XXXVI-IV-843; XXXVII-IV-1125;

Issa, l-appellanti bl-ebda mod ma għamlu l-prova tal-verità tal-fatti; anzi rrinunzjaw għall-provi li kienu bi ħsiebhom iġibu. U l-falsità tal-kliem inġurjużi hi preżunta favur il-kwerelant "donec probetur in contrarium" (App. Krim. "Pul. vs. Scerri", 16-12-1946). Għalhekk, ġaladarba l-verità tal-fatti ma ġietx pruvata, lanqas biss hemm lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni tal-"fair comment";

Dwar it-tieni motiv;

Ma hux eżatt li jingħad li l-kwerelant nomine ddikjara li l-oġġezzjoni tiegħu għall-artikolu nkriminat kienet tik-konsisti biss fid-dannu kummerċjali. Fix-xhieda tiegħu fol. 33 l-appellant nomine qal hekk:— "Jiena ħassejtni offiż, fost raġunijiet oħra, anki għaliex gazzetta tiddependi mill-avviżi, u ħadd ma jaffida ruħu għal gazzetta jekk jaqra li ngħad fuqha li qegħdha tiddeterjora u sejra tis-jiċċa". Il-kliem "fost raġunijiet oħra", u l-kelma "anki", juru biċ-ċar li d-dannu kummerċjali ma kienx il-motiv uniku tal-ilment tal-kwerelant. U kien wisq naturali li dan il-kwerelant ma jillimitax l-ilment tiegħu għad-dannu kum-merċjali biss; għaliex fix-xhieda tiegħu in prima istanza, fol. 8, hu kien diġà kkonferma l-kontenut ta' nota li mbgħ-ad ippreżenta, dik fol. 11 et seq., li fiha kien iddikjara li jħossu offiż mill-artikolu kollu, u mbgħad għadda biex jispeċifika partitament il-brani li bihom ħassu offiż u biex jispjega f'liema sens ħassu offiż;

Però, anki kieku fid-dikjarazzjoni li għamel quddiem din il-Qorti il-kwerelant ma qalx il-kliem "fost raġunijiet oħra" u l-kelma "anki", u anki kieku ma kienx hemm dik in-nota, l-istess kien ikun hemm l-addebitu nġurjus; għaliex, kif jingħad fil-Gatley, "On Liber and Slander", 1933 edit. p. 414-415, "a trading corporation or company has a trading character, the defamation of which may ruin it. It can maintain an action of libel and slander for any words which are calculated to injure its reputation in the way of its trade or business";

Dwar it-tielet aggravju;

L-Ewwel Qorti, fid-dikjarazzjoni ta' reità, ikkwalifikat l-inġurja bħala "gravi". Fil-kwerela fol. 2 jingħad biss "inġurjat lill-kwerelant". Apparti dan, l-artikolu tal-liġi li jirregola dan il-każ jgħid biss, fit-test ingliż "whosoever shall libel any person", u fit-test malti, "kull min jagħti malafama lil persuna", u proprjament ma jagħmelx distinzjoni bejn inġurja mhux gravi u nġurja gravi. Hu biss għall-finijiet tal-piena li jiddistingwi bejn l-attribuzzjoni ta' fattijiet determinati jew le fl-inċiżi (a) u (b) tiegħu;

Iżda dan ma jġibx għall-konklużjoni illi s-sentenza appellata hi ċensurabbli filli rriteniet l-inġurja gravi. Infatti, fis-sentenza ġie ċitat l-inċiż (a) tal-art. 15, dak ċjoè li fih hemm kontemplat il-każ ta' attribuzzjoni ta' fattijiet determinati, u preċiżament din l-ispeċi ta' nġurja fid-dottrina hi appuntu dik li tissejjaħ "gravi", anki jekk il-liġi ma tagħmelx id-distinzjoni dottrinali;

Dan il-pont, hekk sollevat miż-żewġ appellanti tal-lum, ma hux ġdid fil-Qrati Tagħna. Kien ġie sollevat f'materja analoga fl-kawża "Zammit vs. Caruana", maqtugħa minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1925, sedenti allura l-Imħallef, mbgħad Sir, Philip Pullicino; u fiha ngħad appuntu illi l-liġi proprjament ma tagħmelx distinzjoni bejn inġurja ljevi jew sempliċi u nġurja gravi, imma titħaddet fuq inġurja waħda punibbli bi grad ta' piena divers, skond jekk ikun hemm imputazzjonijiet speċifiċi jew espressjonijiet vagi u rimproveri ndeterminati. Jekk, però, ikun hemm

imputazzjonijiet speċifiċi, allura l-inġurja dottrinalment tkun gravi, u l-kundanna tibqa' dejjem fit-termini tal-imputazzjoni u tal-liġi; bħal f'dan il-każ odjern;

Dwar ir-raba' aggravju, limitat għall-appellant Dottor Butigieg;

Dan, proprjament, ma hux aggravju, imma talba in subordine għall-benefiċċju tal-"first offenders" favur dan l-appellant;

Ma hux kontestat li dan hu l-ewwel reat tal-appellant Dottor Buttiġieġ;

Din it-talba għall-applikazzjoni tal-art. 23 (1) (a) Kap. 12 tiftaħ lok għal konsiderazzjonijiet ta' ċerta importanza;

Għandu jingħad, qabel xejn, li s-sempliċi ċirkustanza li si tratta tal-ewwel reat mhijiex weħedha biżżejjed, u għalhekk il-liġi tenumera espressament kriterji oħra li għandhom jiggwidaw lill-Qorti fil-konċessjoni ta' dak il-benefiċċju. Osserva sewwa Sir Alison Russell, fil-ktieb tiegħu ntitolat "The Magistrate", 2nd. edition, pag. 97:— "A magistrate must avoid giving the impression that every offender is entitled to a trial offence". F'dan il-każ. il-Qorti wara li rriflettiet fit-tul u bir-reqqa fuq din it-talba, issib li hemm fil-fattispeċje ċirkustanza li aggravat ir-reat b'mod li ma hux spedjenti li jingħata l-benefiċċju tal-artikolu fuq imsemmi;

Difatti, il-kwerelat Dr. Buttigieg assuma "in limine litis" li jipprova l-verità tal-fatti (fol. 7); mbgħad mhux biss ma għamelx din il-prova bl-ebda mod, imma lanqas ipproduċa x-xhieda li kien inġunġa in sostenn tal-eċċezzjoni (fol. 20), bla ma għamel ebda dikjarazzjoni li jirtira l-eċċezzjoni, jew li jirrikonoxxi li l-fatti allegati ma humiex veri. Anzi, fil-kontro-eżami tal-kwerelant f'din is-sedi, saru darb'oħra domandi (fol. 33) — indizju ċar ta' persistenza fl-istess atteġġjament;

Issa, minn dejjem ġie ritenut li l-fatt li l-kwerelat, billi jeċċepixxi l-verità tal-fatti, jippersisti fil-libell, hu fattur ta' aggravament. Jgħid l-Odgers, "on Libel and Slander", pag. 636 (1911 edit.):— "This is a most dangerous plea, and should never be placed on the record without careful consideration of the sufficiency of the evidence by which it is supported . . . . ; if it be not proved, the defendant's persistence in the charge is some evidence of malice and will always tend to aggravate the damages . . . (ara wkoll paġ. 694 idem). L-istess jgħid il-Gatley (loc. ċit. p. 481):— " . . . for failure to establish this defence at the trial may be properly taken in aggravation of damages" (ara wkoll Folkard, "Law of Libel and Slander", p. 491; Button, "Libel and Slander", pp. 78-193; Ball, "The Law of Libel and Slander", p. 177; Hickson and Carter, Ruck, "The Law of Libel and Slander", pp. 184-185);

Lanqas jista' jingħad, f'dan il-każ, in ripulsa ta' dawn il-prinċipji, illi l-appellant Dr. Butigieg issolleva l-eċċezzjoni tal-verità tal-konvinċju bl-isperanza li jsostniha; għaliex "in subjesta materia" ma hix suffiċjenti l-isperanza. Jgħid a propożitu l-Pessina, Elementi di Diritto Penale, para. 65, ċitat fil-Frola, Delle Ingiurie e Diffamazioni, p. 159:— "Nè si dica che la buona fede escluda il dolo. Non basta il credere ad un'accusa perchè siasi in diritto di formularla e propagarla per poi dire 'relata retuli' quando la prova non riesce. Ciascun uomo ha il dovere di astenersi dall'accusare innanzi al tribunale dell'opinione pubblica un altro uomo, se prima non ha in mano la prova dell'accusa. Ed il dolo del diffamare si ha quando alcuno, non avendo pronta quella prova, lanciò l'accusa, tuttocchè ingannato dalle fallaci speranze di averla";

Għal motivi fuq imsemmija, din il-Qorti ma taħsebx li hu l-każ li jiġi applikat l-art 23(1) (a), stante din iċ-ċirkustanza ta' aggravament. Divers kien ikun il-każ kieku ġew prodotti provi in sostenn tal-"exceptio veritatis", u kieku, avvolja l-prova tal-verità ma ġietx in definittiva raġġunta, kien jidher almenu li ġiet mogħtija b'ċerta plawsibbilità u b'ċerta raġjonevolezza;

Il-Qorti tagħmel ukoll din l-osservazzjoni ta' indoli ġenerali. Fir-rikors tal-appell ġiet imsemmija, bħala diri-

menti tal-inkriminazzjoni, il-libertà tal-istampa. Jeħtieġ, però, li din il-frażi ma tiftiehemxx bħala l-libertà li wieħed jabbuża mill-libertà tal-istampa, imma bħala d-dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu, dejjem però fil-limiti tal-liġi. Għalhekk l-ordinanza lokali XIV tal-1889 kienet tgħid (art. 1):— "La pubblicazione di scritti stampati è libera. Questa Ordinanza ne reprime gli abusi". Qal Lord Mansfield:— "The liberty of the press consists in printing without any previous licence, subject to the consequences of the law" (ara Odgers, loc. ċit., p. 10, fuq dan il-punt);

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell taż-żewġ kwerelati, bl-ispejjeż kontra tagħhom. Jibqa' ferm l-ordni tal-publikazzjoni kif hemm fl-ewwel sentenza mhux aktar tard mit-tieni ħarġa tal-ġurnal "Voice of Malta" wara din is-sentenza. Onorarju tad-difensuri "uti infra". Tnax il-xelin għas-seduta tas-26 ta' Marzu 1960, u għaxra għal dik tal-lum.